- *notifika*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 91/2021 GM**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**Shirin Maria Cassar (Karta tal-Identita` numru 12460A) u b'digriet tat-12 ta' Mejju 2021, il-kliem Shirin Maria Cassar (Karta tal-Identita` numru 12460A) jiġi sostitwit bil-kliem Shirin Maria Cassar (Karta tal-Identita` numru 238016L gia 12460A)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-4 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu talbet li titħalla tippreżenta Risposta Ġuramentata għall-kawża attrici wara li naqset li tagħmilha fit-terminu legali li għadda wara n-notifika bil-mezz tal-affissjoni u

pubblikazzjoni.

Rat ir-risposta tal-Bank attur li oppona għal din it-talba.

Il-kwistjoni hi jekk in-notifika li saret permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni kinitx waħda valida. Talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tfisser illi qed tiġi ammessa l-validita` formali tan-notifika iżda minn irċeviha naqas li jieħu konjizzjoni tagħha minħabba raġuni mhix imputabbli lilu. Il-konvenuta f'dan il-kaz mhix qed tipprova tiġġustifika n-nuqqas tagħha li tieħu konjizzjoni tan-notifika tal-att ġudizzjarju, iżda qed tattakka l-validita` tan-notifika billi qed tallega nuqqasijiet fil-mod kif seħħet tali notifika.

Issostni li l-Bank kellu mezzi biżżejjed biex ikun jaf bl-indirizz fejn toqgħod il-konvenuta, ċjoe` 48, Triq San Publiju, Rabat (Malta) u dan permezz tan-numru tal-karta tal-identita` li nħarġet b'validita` mis-27 t'April 2019 u ċjoe` kważi sentejn qabel ma ġie ppreżentat ir-Rikors Ġuramentat odjern.

Il-Bank wieġeb li:

- Għamel l-ewwel tentattiv ta' notifika fl-indirizz ta' Ħ'Attard li tagħtu l-konvenuta stess u li jinstab fid-dokumentazzjoni kollha li għandu l-Bank. Huwa assuma li dan kien l-indirizz it-tajjeb ġaladarba l-konvenuta ma nfurmatux li biddlet l-indirizz.

- Meta r-riferta ġiet lura negattiva, il-Bank għamel it-tfittix tiegħu fir-reġistru elettorali disponibbli mill-Qorti u sab l-indirizz tal-konvenuta ta' Ħal Balzan, li rriżulta li fl-ittra uffiċjali kien wassal għal riferta pożittiva. Mill-indirizz sar jaf bin-numru tal-karta tal-identita` l-ġdida tal-konvenuta. Għalkemm skont Art. 187A tal-Kap 12 fil-Qorti għandu jkun hemm reġistru elettorali aggornat, fiż-żmien tar-riferta kien aġġornat sal-2017 biss. Irriżulta li fl-indirizz ta' Ħal Balzan kien joqgħod ċertu Marcelino Cassar li l-Bank assuma, korrettement li kien

żewġha.  Il-konvenuta stqarret li mhix separata minn żewġha.

- Il-Bank ma kellu ebda raġuni jiddubita jekk il-konvenuta kinitx għadha tgħix Ħal Balzan.  Anke kieku kellu dubju, ma kellu ebda mezz isir jaf fejn kienet marret tgħix. Dan għaliex fir-reġistru disponibbli onlajn għall-pubbliku in ġenerali ma tistax tfittex la bin-numru tal-karta tal-identita` u lanqas bl-isem tal-persuna.  Għalhekk il-Bank ma setax isib l-indirizz tal-konvenuta, għaliex it-tiftix isir appuntu bl-indirizz.

- Il-Bank, meta uża l-proċedura tal-affissjoni, waħħal kopja tal-att mal-post ta' Ħal Balzan.  Tassew li l-konvenuta ssostni li ma kinitx toqgħod hemm.  Iżda l-effett ta' dan hu li l-affissjoni kienet superfluwa.  Kif sewwa ppronunzjat l-Onorabbli Qorti tal-Appell, huwa biss meta l-post ta' residenza jkun magħruf li trid bilfors issir l-affissjoni miegħu.[1]

Ikkunsidrat:

Skont il-Kodiċi tal-Proċedura:

> 187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla **fil-lok fejn toqgħod jew taħdem** jew fil-post tax-xogħol **jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar** jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha…
>
> -omissis-
>
> (3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qiegħda barra minn Malta, **id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir**, <u>jew</u> **il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf**, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi **u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun**

[1] Joseph Micallef v A & M Printing Limited 23.11.2020 (Rik. Nru. 25/12) Qorti tal-Appell.

**magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza.** Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.

Ma jirriżultax li l-Bank ma mexiex strettament mal-proċedura tan-notifika indiretta, ċjoe` dik permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, li trid tiġi segwita *ad unguem* fl-interess tal-konvenut. B'mod partikolari, kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenuta, ma jirriżultax li kellu l-għodod meħtieġa biex seta' jkun jaf bl-indirizz tal-konvenuta, u li bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila naqas li jużahom.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba tal-konvenuta.

Dan il-provvediment ġie moqri bil-miftuħ waqt l-udjenza tal-lum.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA